Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2151(DEC)

16.1.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2151(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Petri Sarvamaa

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2151(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2151(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2151(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha[1], il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2022 kien EUR 149 841 816,93, li jirrappreżenta żieda ta' 15,99 % meta mqabbel mal-2021; billi l-baġit tal-Awtorità huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2022 ("ir-rapport tal-Qorti"), tiddikjara li ngħatat aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

C. billi, fir-rigward tas-settur tal-akkwist tal-Awtorità, ma ġiet irrapportata ebda kwistjoni li tirrikjedi azzjonijiet korrettivi għall-2022, u lanqas ma hemm azzjonijiet korrettivi għaddejjin jew pendenti mill-awditi u l-valutazzjonijiet tas-snin preċedenti;

D. billi, fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Awtorità, ma ġiet irrapportata ebda kwistjoni li teħtieġ azzjonijiet korrettivi għall-2022, u lanqas ma hemm azzjonijiet korrettivi għaddejjin jew pendenti mill-awditi u l-valutazzjonijiet tas-snin preċedenti;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit, matul is-sena finanzjarja 2022, irriżultaw f'implimentazzjoni tal-baġit ta' rata tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena attwali ta' 99,95 %, li meta mqabbla mal-2021 tirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,04 %; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 89,77 %, li meta mqabbla mal-2021 tirrappreżenta żieda ta' 0,92 %;

Prestazzjoni

[1] ĠU C 178, 29.4.2022, p.1.

2. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Awtorità implimentat qafas ta’ prestazzjoni integrat li jgħaqqad ir-riżorsi u l-attivitajiet mal-outputs u r-riżultati mistennija, ikkomplementat minn sett ta’ indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex timmonitorja u tixpruna l-prestazzjoni; jinnota, barra minn hekk, li l-prestazzjoni mqabbla mal-miri stabbiliti fil-Qafas ta’ Prestazzjoni laħqet rata ġenerali ta’ 96 %; josserva li l-oqsma tal-Objettivi Strateġiċi 2 (L-iżgurar tat-tħejjija għall-ħtiġijiet futuri tal-analiżi tar-riskju) u l-Objettiv Strateġiku 3 (L-għoti tas-setgħa lin-nies u l-iżgurar tal-aġilità organizzattiva), kellhom prestazzjoni tajba b’mod ġenerali, filwaqt li l-qasam tal-Objettiv Strateġiku 1 (L-Għoti ta’ Pariri Xjentifiċi Affidabbli u Komunikazzjoni dwar ir-Riskji ta’ “mill-Għalqa sal-Platt”), affettwat ħafna mill-implimentazzjoni ta’ regoli u proċeduri ġodda skont ir-Regolament dwar it-Trasparenza, kien iddevja mill-mira;

3. Jenfasizza li l-Awtorità ffinalizzat 586 mistoqsija xjentifika mis-701 fil-mira rigward l-Objettiv 1: “L-Għoti ta’ Pariri Xjentifiċi Affidabbli u Komunikazzjoni dwar ir-Riskji ta’ “mill-Għalqa sal-Platt””; jinnota li minkejja li l-għadd ta’ mistoqsijiet xjentifiċi magħluqa kien inqas minn dak imbassar, ġeneralment kien daqs il-mistoqsijiet li daħlu ġodda li waslu matul is-sena, u b’hekk żgura li l-ammont ta’ mistoqsijiet miftuħa ma żdiedx;

4. Jilqa’ l-fatt li l-qasam tal-komunikazzjoni tas-sejbiet irreġistra riżultati pożittivi ħafna, bil-puntwalità tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal tal-Awtorità li żżomm il-prestazzjoni pożittiva miksuba matul l-aħħar sentejn;

5. Jieħu nota li l-2022 kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2027, imfassla bħala evoluzzjoni tal-Istrateġija 2020, u din l-Istrateġija hija ffukata fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Trasparenza (fuq terminu qasir) u tħejji lill-Awtorità biex tindirizza politiki ġodda tal-UE li qed jevolvu (fuq terminu itwal);

6. Jilqa’ l-organizzazzjoni tal-Awtorità ta’ “ONE Conference - Health, Environment, Society” (Konferenza ONE – Saħħa, Ambjent, Soċjetà) f’Ġunju 2022, li tenfasizza r-rabta bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u dik ambjentali u li twassalna għal “saħħa waħda-ambjent wieħed”;

7. Jinnota li l-Awtorità nediet kampanja dwar id-Deni tal-Ħnieżer Afrikan fi sħubija ma’ tmintax-il Stat Membru; jinnota wkoll li l-Awtorità tat kontribut għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-“Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi”;

Effiċjenza u titjib

8. Josserva li l-Awtorità ilha tikkollabora mal-Awtorità Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, fil-kuntest tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard biex tiżviluppa sistemi għall-ġbir u l-analiżi tas-sekwenzjar ġenomiku; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità qasmet ir-riżorsi umani u r-riżorsi tar-riċerka mal-Aġenziji Aħwa u maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; jenfasizza wkoll il-benefiċċji orizzontali ta’ ħidma flimkien u l-adattament tal-aħjar prattiki;

9. Jinnota li l-Awtorità żiedet l-isforzi tagħha fl-2022 biex tikkonsolida l-implimentazzjoni ta’ proċessi u għodod tal-IT ġodda, filwaqt li ppruvat tikseb livell għoli ta’ effiċjenza u timmassimizza s-sinerġiji ma’ aġenziji oħra; jinnota wkoll li wħud mir-riżultati tal-Awtorità rigward l-effiċjenza u l-kisbiet fl-għodod tal-IT meħuda fl-2020-2022 ma kinux fil-mira sa tmiem l-2023;

Politika dwar il-persunal

10. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, it-tabella tal-persunal kellha rata ta' implimentazzjoni ta' 95,55 %, b'5 uffiċjali u 382 aġent temporanju maħtura mit-total ta' 405 pożizzjonijiet awtorizzati fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 380 pożizzjoni awtorizzati fl-2021); jinnota li, barra minn hekk, 170 aġent kuntrattwali u 14-il espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2022; jinnota, barra minn hekk, li sabiex jiġi implimentat ir-Regolament dwar it-Trasparenza l-ġdid, l-Awtorità ngħatat 31 pożizzjoni ġdida tal-persunal fl-2022, u 15-il Aġent Kuntrattwali (AK) addizzjonali għall-perjodu 2022-2024;

11. Jieħu nota li fl-2022 inkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan il-persunal ġenerali tal-Awtorità, b'335 minn 557 (60,1 %) li huma nisa u fi ħdan il-bord ta' ġestjoni tal-Awtorità b'37 minn 70 (52,9 %) li huma nisa; josserva li f'pożizzjonijiet superjuri u maniġerjali, hemm proporzjon ogħla ta' pożizzjonijiet okkupati mill-irġiel (63 %) meta mqabbla man-nisa (37 %); jistieden lill-Awtorità tintensifika l-isforzi biex tnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet superjuri u maniġerjali;

12. Jieħu nota li s-Servizz Mediku rrapporta tliet każijiet ta' eżawriment fl-2022; jenfasizza l-importanza kritika li jinżamm l-ekwilibriju bejn ir-responsabbiltajiet professjonali u l-ħajja personali; jistieden lill-Awtorità tkompli tippromwovi bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fost il-persunal;

13. Jinnota li l-Awtorità hija impenjata bil-valuri tan-Network tal-Aġenziji tal-UE u l-"Karta dwar id-Diversità u l-Inklużjoni" u qed taħdem għall-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; jinnota wkoll il-parteċipazzjoni tal-Awtorità fil-Grupp ta' Ħidma tan-Network tal-Aġenziji tal-UE dwar id-Diversità u l-Inklużjoni li jikkondividu sinerġiji, informazzjoni u riżorsi rigward id-diversità u l-inklużjoni; barra minn hekk, ġew implimentati xi inizjattivi interni, bħal sit web ġdid dwar il-karrieri u filmat dwar il-ħidma fl-Awtorità b'suġġett speċjali fid-diversità u l-inklużjoni;

14. Josserva li l-Awtorità adottat il-"Linji Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Għajnuna għall-Persuni b'Diżabilità" li jippromwovu l-politika soċjali u t-trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol; jinnota, barra minn hekk, li l-bini tal-Awtorità ġie ppjanat f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Aċċessibbiltà Taljani għall-persuni b'diżabilità;

15. Jinnota li struttura organizzattiva ġdida mfassla biex tappoġġja l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Trasparenza u l-ambizzjonijiet tal-Istrateġija 2027 tal-Awtorità ġiet implimentata mill-1 ta' Jannar 2022;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

16. Jinnota li l-bord maniġerjali u l-maniġment operattiv tal-Awtorità ffirmaw Dikjarazzjoni ta' Kunflitt ta' Interess u li din hija ppubblikata u disponibbli fis-sit web; jinnota wkoll li s-CVs tal-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni se jiġu ppubblikati sa tmiem l-2023;

17. Josserva li fl-2022 l-Awtorità identifikat u mmaniġġjat seba' kunflitti ta' interess fil-livell ta' dikjarazzjonijiet ta' interessi annwali li jappartjenu għal esperti esterni; jinnota li l-Awtorità żammithom milli jipparteċipaw fl-attività xjentifika;

18. Jirrikonoxxi li l-Awtorità għandha fis-seħħ kodiċi ta' kondotta volontarju li skontu l-membri tal-Bord ta' Ġestjoni jobbligaw lilhom infushom jikkomunikaw l-attivitajiet okkupazzjonali lill-Awtorità wara t-tmiem tal-mandat tagħha taħt il-perjodu ta' sentejn;

19. Jieħu nota li l-Awtorità qed tippjana li tadotta proċedura standard ġdida ta' wara l-impjieg sal-ewwel trimestru tal-2024, li tkun tinkludi l-kriterji u l-proċedura biex jitwaqqaf l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali għall-persunal li jitlaq mis-servizz, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u implimentazzjoni, u l-istandards ta' trasparenza;

20. Jinnota li l-Awtorità għandha fis-seħħ Strateġija Kontra l-Frodi, żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, akkumpanjata minn regoli ta' implimentazzjoni u pjan ta' azzjoni relatati biex tipprevjeni l-frodi u l-korruzzjoni;

Kummenti oħra

21. Josserva li f'Ġunju 2022 is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) ħareġ ir-rapport tal-awditjar dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u l-irkupru minn diżastri, bl-għan li jivvaluta l-adegwatezza tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-governanza, u identifika żewġ osservazzjonijiet u tliet osservazzjonijiet importanti dwar il-Governanza tas-Sigurtà tal-IT; jinnota li l-Awtorità aċċettat dawn ir-rakkomandazzjonijiet u bħalissa qed timplimenta pjan ta' azzjoni;

22. Jinnota l-isforzi tal-Awtorità biex iżżid il-viżibbiltà pubblika u l-preżenza online tagħha permezz tat-tnedija tal-kampanja "#EUChooseSafeFood" għat-tieni sena, imwettqa fi sħubija mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bl-għan li tispjega x-xjenza wara s-sigurtà fl-ikel fl-Unjoni b'mod aċċessibbli; jinnota wkoll li l-Awtorità investiet biex tagħmel is-sit web tagħha multilingwi, bl-intelliġenza artifiċjali permezz tal-widget tal-eTranslation tal-Kummissjoni Ewropea; jinnota, barra minn hekk, li fl-2022 l-Awtorità kompliet tinvesti fl-iżvilupp tal-portal "OpenEFSA" tagħha, skont ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar it-Trasparenza;

23. Jilqa' l-fatt li l-Awtorità ilha għal diversi snin waħda mill-aġenziji ċċertifikati fl-EMAS; jieħu nota li, skont it-tip ta' xiri, l-Awtorità tapplika standards ta' "Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE)" bħala rekwiżiti minimi għall-ispeċifikazzjoni tal-offerta fil-kriterji tas-selezzjoni u/jew tal-għoti;

°

° °

24. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' ...[2] dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

[2] Testi adottati, P9_TA(2024)0000.